### Dispożittiv

*L-Artikoli 56 KE u 58 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, f'dak li jikkonċerna l-kalkolu tat-taxxa tas-suċċessjoni dovuta minn werriet residenti f'dan l-Istat Membru fuq krediti ta' kapital li jinsabu f'istituzzjoni finanzjarja li tinsab fi Stat Membru ieħor, ma tipprevedix, meta l-persuna li s-suċċessjoni tagħha tinfetaħ tirrisjedi, fid-data tal-mewt tagħha, fl-ewwel Stat Membru, it-tnaqqis mit-taxxa tas-suċċessjoni dovuta f'dan l-Istat Membru tat-taxxa tas-suċċessjoni mħallsa fl-Istat Membru l-ieħor.*

(1) ĠU C 107, 26.4.2008.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Frar 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākās tiesas Senāts — Ir-Repubblika tal-Litwanja) — Schenker SIA vs Valsts ieņēmumu dienests

**(Kawża C-93/08) (1)**

***(Talba għal domanda preliminari — Regolament (KE) Nru 1383/2003 — Artikolu 11 — Proċedura semplfikata ta' abbandun ta' merkanzija sabiex tiġi distrutta — Determinazzjoni preliminari tal-eżistenza ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali — Penali amministrattiva)***

(2009/C 82/12)

*Lingwa tal-kawża: Il-Litwan*

### Qorti tar-rinviju

Augstākās tiesas Senāts

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Schenker SIA

*Konvenuta:* Valsts ieņēmumu dienests

### Suġġett

Talba għal domanda preliminari — Augstākās tiesas Senāts — Interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU L 196, p. 7) — Proċedura semplifikata ta' abbandun ta' merkanzija sabiex tiġi distrutta, mingħajr ma jiġi stabbilit minn qabel jekk jeżistix ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali taħt il-liġi — Liġi nazzjonali li tipprovdi għall-impożizzjoni ta' penali amministrattiva meta l-merkanzija ddikjarata tippreġudika dritt ta' proprjetà intelletwali

### Dispożittiv

*Il-fatt li tinbeda, bi ftehim mad-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mal-importatur, il-proċedura semplifikata pprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet, ma jċaħħadx lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mis-setgħa li jimponu, fuq dak responsabbli għall-importazzjoni ta' dik il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, "penali" fis-sens tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament bħalma hija multa amministrattiva.*

(1) ĠU C 128 tal-24.5.2008.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Frar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża

**(Kawża C-224/08) (1)**

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/100/KE — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)***

(2009/C 82/13)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: C. Huvelin, V. Peere u H. Støvlbæk, aġenti]

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża [rappreżentanti: G. de Bergues u B. Messmer, aġenti]

### Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 363, p. 141)

### Dispożittiv

1) *Billi m'adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006, li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva.*

2) *Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 171, 5.7.2008.